**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**Illum l-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2021**

**Onor. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Att tal-Akkuża Nru. 2/2018**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs.**

**Grazio Azzopardi**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att tal-Akkuża bin-numru 2 tal-2018 kontra Grazio Azzopardi detentur tal-karta tal-identita' numru 124551(M), akkużat talli:

**Fl-Ewwel Kap**: Nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, ġewwa 141, Triq

Dawret ix-Xatt, Ix-Xgħajra Zabbar, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna vulnerabbli u taħt l-eta' u ċioe' ma' Ela Fenech u dan bl-użu ta' vjolenza, sforz, forza u theddid.

**Fit-Tieni Kap**: Nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, ġewwa 141, Triq Dawret ix-Xatt, Ix-Xgħajra Zabbar, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'għemil żieni kkorrompa lil tifla ta' taħt l-eta' u ċioe' lil Ela Fenech u dan billi uża vjolenza, theddid jew qerq waqt li l-minuri ġiet fdata lilu għal xi żmien sabiex jieħu ħsiebha u jżommha.

**Fit-Tielet Kap**: Nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, ġewwa 141, Triq Dawret ix-Xatt, Ix-Xgħajra Zabbar, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-Liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Ela Fenech, tifla taħt l-eta', sabiex toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

**Fir-Raba' Kap**: nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, ġewwa 141, 3 Triq Dawret ix-Xatt, Ix-Xgħajra Zabbar u f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għal qligħ, jew għat-tqassim, jew għall-wiri f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'oħra għamel jew daħħal f'Malta jew akkwista, żamm, iċċirkola jew esporta xi stampat, tpinġija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oġġett ieħor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le.

**2.** Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet u l-Lista tax-Xhieda tal-akkużat Grazio Azzopardi ppreżentata fl-14 ta' Ġunju, 2018.

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Frar 2021 li permezz tagħha ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet preliminari kollha sollevati mill-akkużat Grazio Azzopardi.

**4.** Rat ir-rikors tal-appell mressaq mill-akkużat Grazio Azzopardi fit-22 ta' Frar 2021 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

> (a) tikkonfermaha fil-parti fejn ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni, il-ħames eċċezzjoni, it-tmien eċċezzjoni, id-disa' eċċezzjoni u l-għaxar eċċezzjoni sollevati mill-appellant.
> (b) tħassarha u tirrevokaha għal bqija u minflok tilqa' l-ewwel eċċezzjoni, it-tieni eċċezzjoni, it-tielet eċċezzjoni, is-sitt eċċezzjoni u is-seba' eċċezzjoni sollevati mill-appellant skond il-ligi u tgħaddi sabiex tagħti d-direttivi opportuni ai termini ta'l-artikolu 499(6) tal-Kodiċi Kriminali.

**5.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**6.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**7**. Illi l-appellant ħassu aggravat unikament minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti Kriminali ċaħdet l-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet minnu intavolati. Dawn l-eċċezzjonijiet fl-essenza tagħhom jikkonċernaw fl-ewwel lok il-mod kif ġie imfassal l-Att tal-Akkuża u dan kemm fil-parti narrattiva tiegħu li fil-fehma tal-akkużat ġiet iddrammatiżżata iżżejjed mill-Avukat Ġenerali, kif ukoll għaliex il-fatti narrati jistgħu ma jikkostitwux l-elementi tar-reat imbagħad lilu imputat fil-parti akkużatorja tiegħu. Imbagħad fit-tieni lok jattakka r-rapport u x-xiehda mogħtija mill-espert tal-Qorti Dr. Mariella Mangion, liema espert fil-fehma tiegħu eżorbitat l-inkarigu lilha mogħti meta din ġiet biex tespleta r-rapport tagħha.

**8**. L-appellant, fl-ewwel aggravju minnu intentat, isib oġġezzjoni għal fatt illi l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tiegħu rigward id-diċitura adoperata mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża billi jisħaq illi din kienet waħda iddrammatizzata intiża biss biex timpressjona lill-ġurati u tixħet dawl ikrah fuqu, b'dan għalhekk illi ser jinħoloq preġudizzju irrimedjabbli għalih. Jilmenta illi l-Avukat Ġenerali għażel li jħalli barra dawk l-fatti li ħarġu mill-atti kumpilatorji li jimmilitaw favur tiegħu, u semma biss dawk il-fatti li jixħtu dell ikrah fuqu. L-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali, li fuqu straħet il-Qorti Kriminali meta ċaħdet din l-ewwel eċċezzjoni, jagħti diskrezzjoni u poteri assoluti lil Avukat Ġenerali fit-tfassil tal-Att tal-Akkuża, liema diskrezzjoni, tisħaq id-difiża, għandha tiġi mrażżna mill-Qorti u dan sabiex ma jkunx hemm nuqqas ta' *equality of arms* li tista' twassal għal potenzjali leżjoni tad-dritt tal-appellant għal smiegħ xieraq. Dan għaliex il-mod kif jiġi redatt l-Att tal-Akkuża jista' jwassal biex tiġi iddisturbata s-serenita' tal-ġudizzju tal-ġurati meta fl-ewwel impressjoni lilhom mogħtija tal-fatti tal-każ jistgħu jisiltu fatti inveritjiera sabiex b'hekk jiġi ippreġudikat il-proċess ġudizzjarju.

**9**. Illi dwar din l-ewwel eċċezzjoni li minnha l-appellant jinterponi appell, il-Qorti Kriminali iddeċidiet hekk :

> **"3. Dak illi l-akkużat qed jilmenta minnu hu li l-Avukat Ġenerali drammatiżża n-narrattiva u eskluda minnha aspetti favorevoli għall-akkużat b'mod illi l-ġurati ser jitħallew fil-għama dwar informazzjoni fondamentali u b'hekk ser jinħoloq preġudizzju ta' smiegħ xieraq. Jidher illi l-artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali maż-żmien intuża b'mod illi n-narrattiva tal-Avukat Ġenerali minn xi daqqiet tirriżulta f'rakkont interminabbli ta' dawn l-aspetti tal-provi li jidhirlu li jagħmlu l-kwadru komplet ta' dak li ta lok għall-akkuża li ssegwi. Dik in-narrattiva ta' spiss tagħti lok, bħal fil-każ odjern, għall-eċċezzjonijiet u konsegwenzjali sentenzi segwiti b'appell u sentenzi finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Hija l-ewwel haġa li jisimgħu il-ġurija mal-qari tal-att tal-akkuża u li imbagħad u li b'mod doveruż l-Imhallef togat ikollu jispjega u jibqa' jfakkar lill-ġuri sal-mument li jidħol għad-**

**deliberazzjoni illi dik hija biss narrattiva skond l-Avukat Ġenerali u li ma tammontax għal-prova tal-fatti. Fi kliem ieħor sta għal-leġislatur li jqis u jixtarr kemm għad hemm lok għal dan is-subinċiż meta dak li hu ta' massima importanza huwa l-fatt li jirrendih rejat. Hekk kif quddiem il-Qorti tal-Maġistrati il-vot tal-liġi huwa sodisfatt bir-riproduzzjoni tal-artikolu tal-liġi allegatament infratt mill-imputat hekk ukoll għandu jaqdi l-istess skop tali riproduzzjoni fl-att tal-akkuża;**

**4. Ventilat dan, iżda, u kif ġia osservat supra, n-narrattiva in kwistjoni hija konformi ma' dak li titlob il-liġi u l-akkużat ma jistax jistenna illi l-Avukat Ġenerali jelenka dawk l-aspetti tal-provi li huma a benefiċċju tiegħu. Ma hemm xejn x'jostor lill-akkużat li jestrapola dawk il-provi mill-atti proċesswali waqt il-ġuri bil-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu u iġibhom a konjizzjoni tal-ġuri. Dak li hu ta' massima mportanza hu li dak rakkontat mill-Avukat Generali jemerġi mill-atti tal-istruttorja. U eżaminati l-atti, dan huwa pjenament in regola."**

**10.** Illi l-Qorti eżaminat l-atti proċesswali, b'mod speċjali l-atti tal-kumpilazzjoni u dan bil-għan illi tistħarreġ jekk l-ilment imqanqal mill-appellant jistħoqqlux akkoljiment. Illi quddiem il-Qorti Istruttorja l-Uffiċjal Prosekutur, l-ispettur Joseph Busuttil, jirrakkonta l-*iter* li ħadet l-investigazzjoni mill-mument li ġie irrapportat l-allegat abbuż minn Dr. Mariella Mangion li eżaminat lil minuri ġewwa l-Isptar *Mater Dei* meta din ittieħdet hemmhekk minn ommha wara li ilmentat minn xi uġigħ fil-parti privata tagħha. Minn hawn ġiet imnedija inkjesta maġisterjali bl-Inkwirenti taħtar diversi professjonisti sabiex jgħinuha fl-istħarriġ dwar l-*in genere*. Dawn l-esperti kollha jixhdu fil-kumpilazzjoni u jippreżentaw ir-rapporti tagħhom fejn jispjegaw dak li irriżultalhom waqt li kienu qed jespletaw l-inkarigu lilhom mogħti. Tixhed ukoll omm il-minuri li tirrakkonta kif iltaqgħet mal-appellant u meta bdiet tafda lil uliedha miegħu sabiex jieħu ħsiebhom, u wkoll imbagħad meta u kif ġiet a konoxxenza tal-allegat abbuż ipperpetrat mill-appellant fuq bintha. Finalment tixhed il-minuri sabiex tirrakkonta dak li għaddiet minnu.

**11**. Illi kif tajjeb jikkontendi l-appellant, il-Liġi tħalli fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jfassal l-Att tal-Akkuża u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkużi imressqa fil-konfront tal-persuna akkużata. L-Avukat Ġenerali huwa marbut biss bil-liġi b'dak li jingħad fl-artikolu 589 tal-Kap. 9 li jiddisponi hekk:

> **"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –**
> **(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;**
> **(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;**
> **(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u**
> **(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."**

**12**. Illi allura eżaminati l-atti kumpilatorji u dak li jgħidu x-xhieda kollha li iddeponew quddiem l-Istruttur, il-Qorti tista' tara illi l-fatti esposti mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża huma fatti li kollha joħorġu mill-provi miġbura fil-kumpilazzjoni u ma jirriżultax xi dramattizzazzjoni kif allegat mill-appellant, jew inkella xi fatti li l-Avukat Ġenerali ivvinta jew żejjen biex joħloq xi impressjoni fuq il-ġurija popolari. Illi l-fatti u ċ-ċirkostanzi mfissra mill-Avukat Ġenerali huma in konformita ma' dak dispost fl-artikolu 589 hawn fuq iċċitat billi hemm biss riproduzzjoni ta' dak li jemerġi mill-investigazzjoni kondotta mill-Pulizija, minn dak li joħroġ mix-xiehda tal-minuri u ta' ommha u finalment mill-konklużjonijiet raġġunti mill-esperti tal-Qorti.

**13**. Issa jekk dawk il-fatti humiex ippruvati o meno, jew jekk il-prova li fuqha huma bażati dawk il-fatti għandhiex valur probatorju o meno, hija kwistjoni li trid tiġi determinata biss mill-ġurati fil-kors tal-ġuri. Fuq kollox dawk il-fatti li l-Avukat Ġenerali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva

tal-Att tal-Akkuża bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika u l-ġurija popolari dejjem tiġi imwissija f'dan is-sens mill-Imħallef togat, kif hekk għandu jsir ukoll f'dan il-każ. Lanqas ma jista' l-akkużat jallega illi b'tali espożizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali jista' jiġi ippreġudikat il-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq ġaladarba huwa sejjer igħaddi proċess ġudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni għandha tressaq il-provi in sostenn tal-akkużi minnha ipprospettati fl-Att tal-Akkuża, bid-dritt tal-akkużat li jressaq difiża xierqa u adegwata u jressaq il-provi kollha li jħoss li huma meħtieġa sabiex isaħħaħ id-difiża tiegħu u allura fejn ser ikollu kull opportunita jipprova jxejjen il-provi tal-Prosekuzzjoni.

> **"'Illi skont l-artikolu 588 tal-Kodici Kriminali 'l-att tal-akkuza ghandu jigi maghmul bil-miktub u ghandu jigi iffirmat mill-Avukat Generali' u skont l-artikolu 589 tal-istess Kodici 'L-att tal-akkuza jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta'. Ghalhekk, meta fl-artikolu 589 tal-istess Kodici jinghad li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat u l-partikolaritajiet l-ohra msemmija fl-istess artikolu dan ma jistax ifisser hlief li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt u partikolaritajiet l-ohra msemmija skont kif jifhimhom li graw l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Il-provi in sostenn tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat u tal-partikolaritajiet l-ohra skont l-att tal-akkuza, imbaghad, jingiebu mill-Avukat Generali fil-kors tal-process fl-istadju opportun.[1]"**
> (sottolinjar tal-Qorti)

Dan għaliex:

> **"'l-Avukat Generali jista' jibbaza l-att ta' l-akkuza fuq provi li ma ngibux fil-kumpilazzjoni. Dan ma jgibx ghan-nullita` ta' l-att ta' l-akkuza (jew kap ta' l-att ta' l-akkuza) stante ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 435 tal-Kodici Kriminali. Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.[2]"**

---
[1] App. Krim Sup – 09/01/2014 Ir-Repubblika ta' Malta vs Stiano Agius u Eleonor Tracy Agius
[2] App.Krim Sup – 13/05/1998 Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat

**14**. Illi l-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-ilment imressaq mill-appellant illi jispetta għal Qorti li trażżan id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali u dan meta il-Leġislatur ma jagħmilx dan. Il-poter leġislattiv tal-Istat jibqa' dejjem f'idejn il-Parlament u s-setgħa tal-Ġudikant huwa li jinterpreta dik il-Liġi iżda mhux li joħloq regoli ġodda li ma joħorġux mill-Liġi. Illi l-Liġi tobbliga lill-Avukat Ġenerali jippreżenta l-fatti u ċ-ċirkostanzi li fuqhom imbagħad jislet l-akkuża meta jiġi biex jixli lil persuna akkużata b'xi reat fil-parti akkużatorja u kwindi, għalkemm kif issuġġerit mill-Qorti Kriminali din il-parti fl-Att tal-Akkuża jista' jkun li hija superfluwa, madanakollu l-Avukat Ġenerali ma jistax jonqos milli jagħmel din l-espożizzjoni għaliex altrimenti dan iwassal għal non-konformita mal-liġi li iġġib in-nullita.

**15.** Għal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

**16**. Illi t-tieni aggravju huwa essenzjalment marbut mal-ewwel wieħed u dan meta l-appellant ikompli jżid fuq l-ilment tiegħu dwar in-narrattiva kif esposta mill-Avukat Ġenerali fl-Att tal-Akkuża. Illi l-appellant jisħaq illi l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża huwa null għaliex il-fatti kif esposti fil-parti narrattiva ma jikkostitwux l-elementi tar-reat li dwaru l-appellant imbagħad jiġi mixli fil-parti akkużatorja.

**17.** Illi l-Qorti Kriminali qalet hekk dwar dan l-ilment:

> **"Il-Qorti hi tal-fehma illi l-konsiderazzjonijiet magħmulha (*recte*: magħmula) supra dwar l-ewwel eccezzjoni huwa ugwalment applikabbli dwar din l-eccezzjoni. Jizdied jinghad illi l-akkuzat qieghed jilmenta minn aspett partikolari tan-narrativa fejn l-Avukat Generali jallega theddid b'uzu ta' sikkina jew b'xi arma ohra meta l-minuri qatt ma allegat tali fatt. Ezaminati l-atti processwali, jemergi illi omm il-minuri xehedet dwar dak li qalet lilha l-minuri u f'dan ir-**

> **rigward ghalhekk l-akkuzat ma ghandux ragun la darba din l-allegazzjoni hi radikata fl-atti tal-istruttorja. Inotlre (*recte*: inoltre) fil-lista' ta' oggetti esebiti hemm inkluzi skieken esebiti fl-atti processwali u ghalhekk ma hemm l-ebda nullita' fl-ewwel Kap tal-att tal-akkuza. Issa, jekk dan jirrizultax jew le mill-provi u min allega hekk u jekk dak li ntqal jammontax ghall-hearsay evidence huwa rimess lill-guri bid-direzzjoni debita tal-Imhallef tal-guri. L-akkuza proferita mill-Avukat Generali u kif ravvizata fl-ewwel kap takkludi dik tal-kommissjoni tad-delitt bl-uzu tal-vjolenza u thedid ghalhekk fejn in-narrattiva tghid li dak allegat sar b'theddid b'uzu ta' sikkina ma kienx wiehed kapriccuz u mhux marbut ma' dak riskontrat fl-atti processwali."**

**18.** Illi jingħad minnufih illi tirriżulta nullita` jew difett kif ravviżat fl-Artikolu 449(5)(b) tal-Kodiċi Kriminali meta l-fatti kif deskritti fil-parti narrattiva ma jkunux jammontaw <u>fis-sustanza</u> għar-reat li bih l-akkużat ikun qed jiġi mixli. Bil-kelma "reat" wieħed għandu neċessarjament jifhem ir-reat bl-aggravji kollha skond il-Liġi li jkunu qed jiġu dedotti. Illi fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, l-appellant jiġi mixli bir-reat tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' minuri, liema reat huwa aggravat bl-elementi tal-użu tal-vjolenza, forza u theddid u dan kif ravviżat fl-artikolu 204C(1) u (2a) tal-Kodiċi Kriminali. Issa dak li jilmenta dwaru l-appellant mhux daqstant illi minn dak narrat mill-Avukat Ġenerali ma jirriżultawx l-elementi tar-reat innifsu, iżda l-Qorti tifhem illi huwa l-aggravant għal dan ir-reat li hu qed isib oġġezzjoni għalih. L-appellant jisħaq illi meta fil-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża l-Avukat Ġenerali jsemmi illi l-appellant kien jhedded lil allegata vittma b'sikkina u dan fl-allegat abbuż minnu ipperpetrat, dan il-fatt ma joħroġx mill-provi ikkumpilati matul l-Istruttorja billi l-minorenni mkien ma ssemmi fix-xhieda tagħha illi l-appellant kien jagħmel użu ta' vjolenza fuqha permezz ta' sikkina. Illi allura jidher illi l-appellant qiegħed jorbot l-aggravanti maħsub fis-sub-inċiż (2)(a) għall-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali mal-allegat użu ta' vjolenza permezz ta' sikkina.

**19**. Issa huwa minnu illi fix-xiehda tagħha l-minuri dan il-fatt ma ssemmihx u lanqas jidher li tiġi mistoqsija dwar din is-sikkina. Kif lanqas tiġi mitluba tidentifika s-sikkina li allegatament intużat fil-kummissjoni tad-delitt billi dawk elevati mir-residenza tal-appellant ġew eżebiti minn PS153, li eleva erba' skieken bil-manku abjad, biss wara li l-minuri kienet laħqet iddeponiet.[3] Madanakollu minn dak li tgħid il-minuri, jemerġi illi l-appellant kien heddidha li kien ser joqtol lilha u lil ommha jekk hija titkellem dwar l-abbuż minnu ipperpetrat. Il-minuri tgħid hekk:

> *"Għax qal li jekk ngħid lil xi ħadd jiena ngħid lill-mummy jiġi joqtolni u lill-mummy ukoll u anke għax il-pulizija mhux ħa jemmnuk u anke jekk inkun il-ħabs xorta nipprova noħroġ u noqtlok.[4]"*

**20**. Dan id-diskors l-minuri tirrepetieh għal iktar minn darba matul ix-xiehda tagħha. Kif tistqarru wkoll ma' ommha, mal-Ispettur Joseph Busuttil u mal-professjonisti li kellmuha. Dan ifisser illi jekk dan il-fatt jiġi ppruvat u ċioe' li kien hemm l-użu ta' theddid, allura dan waħdu jwassal sabiex jirriżulta l-aggravanti li titkellem dwaru il-Liġi fl-artikolu 204Ċ(2)(a) li jiddisponi illi

> **(2) Il-piena stabbilita għar-reat fis-subartikolu (1) għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:**
> **(a) jekk ir-reat isir fuq persuna ta' taħt is-sittax-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid.**

Jekk tavvera ruħha xi waħda biss miċ-ċirkostanzi hemmhekk indikati allura r-reat huwa aggravat.

**21**. Illi jikkonsegwi li l-appellant ma għandux raġun f'dan l-aggravju, fl-ewwel lok għax l-elementi tar-reat maħsub fl-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali jemerġu mill-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża, kif ukoll għax jirriżultaw dawk l-elementi meħtieġa sabiex jissussisti l-aggravanti li dwaru jinsab mixli.

---

[3] Dokumenti LZ281
[4] Att kumpilatorji volum1 pagna 121.

**22**. Illi imbagħad dwar il-kwistjoni relattiva għall-allegat użu ta' sikkina fil-kummissjoni tad-delitt, il-Prosekuzzjoni eżebiet erba' skieken li ġew elevati mir-residenza tal-appellant. Kif ingħad aktar il-fuq, għalkemm l-użu speċifiku tas-skieken fil-kuntest tal-allegat theddid mill-akkużat fuq il-minuri ma ssemmiex fil-kors tax-xiehda tal-minuri, jibqa' l-fatt li dawk is-skieken eżebiti jistgħu jaqblu mad-deskrizzjoni li l-minuri tagħti tal-istess lil ommha u lill-esperti tal-Qorti. Fil-fatt jirriżulta illi l-minuri semmiet illi waqt l-allegati attivitajiet impudiċi kommessi fuqha l-appellant kien heddidha b'sikkina b'manku abjad jew li kellha lewn bajdani. Dan tirrakkuntah lil ommha li fix-xiehda tagħha tgħid hekk:

> ***Mela Ela qaltli li kien imissilha sidirha hemm kien iheddidha b'xi sikkina li jekk tibki jew li jekk tghidli joqtol lili u joqtol lilha[5] .... sikkina bajda minn dawn tat-taljani.***

Jirrakkuntah l-Ispettur Joseph Busuttil:

> ***It-tifla qaltilna illi meta kienet tkun qieghda qisu tinġibed naqra lura ma tkunx trid tkompli hemm hu kien darba minnhom kien juriha sikkina kbira bajda bil-manku wkoll abjad li hi irreferiet ghaliha bhala sikkina tal-hobz u kienet tibza u allura kienet tobdi u taghmel dak li ighidilha.[6]***

U Dr. Mariella Mangion li fir-rapport tagħha tgħid:

> ***She said that the perpetrator would hold a knife in his hand and if she looked back at him he would nudge the point of the knife onto the skin of her upper arm. Ela stated that the perpetrator threatened to kill her if she spoke to anyone about the abuse.[7]***

Semmiet ukoll l-użu ta' sikkina waqt l-allegat abbuż lill-esperti Dr. Joseph Cassar u l-psikologa Carmen Sammut u dan kif jirrizulta mir-rapport tagħhom a fol. 86 tal-proċess.

---

[5] Atti kumpilatorji volum 1 pagna 31
[6] Atti kumpilatorji volum 1 pagna 48
[7] Rapport dokument MM a fol.71

**23**. Illi allura, kif tajjeb qalet il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, ma jistax jingħad illi dan il-fatt kien xi invenzjoni tal-Avukat Ġenerali peress illi joħroġ ċar u tond mill-atti kumpilatorji. Issa jekk din ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew inkella jekk hix, kif jallega l-appellant, *hearsay evidence*, u ċioe' xiehda fuq kliem ħaddieħor, huwa apprezzament li għandu jiġi mħolli unikament f'idejn l-imħallfin tal-fatt u ma tistax dil-Qorti f'dan l-istadju tidħol biex tissindika jekk tali prova għandhiex tiġi permessa o meno.

**24**. Dan ifisser illi l-appellant ma għandux raġun f'dan l-ilment minnu vventilat u dan għaliex mill-fatti kif narrati mill-Avukat Ġenerali, u li kollha jemerġu mill-atti kumpilatorji ma jistax jingħad illi dawn jitbiegħdu mill-elementi tar-reat kif imfassal fl-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali u l-aggravanti taħt is-sub-inċiż (2)(a) tiegħu.

**25**. Għal dawn il-motivi dan aggravju qed jiġi miċħud.

**26**. Illi t-tielet aggravju huwa identiku għat-tieni wieħed billi l-istess ilment jiġi imqanqal mill-appellant u dan fir-rigward tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża fejn l-appellant huwa mixli bir-reat tal-korruzzjoni ta' tfal ta' taħt l-età kif maħsub fl-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali, fejn huwa qed jiġi mixli bil-forma aggravata tal-istess skont s-subartikoli (1)(a)(b)(c). L-aggravju huwa wkoll marbut ma' dik il-parti tan-narrattiva imsejsa fuq l-użu tal-vjolenza permezz ta' sikkina li fil-fehma tal-appellant hija ibbażata fuq xiehda fuq kliem ħaddieħor ġaladarba l-minuri dan il-fatt ma ssemmiehx fil-kors tax-xiehda tagħha.

**27.** Il-Qorti Kriminali iddisponiet hekk minn dan l-ilment:

> **"Dwar din l-eccezzjoni, l-Qorti jidrilha illi l-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni gia jindirizzaw ukoll l-ilment tal-akkuzzat f'din l-eccezzjoni. Konsegwenza ta' dan, ma tirrizulta l-ebda**

> **nullita' fit-tieni Kap tal-att tal-akkuza u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun respinta;"**

**28**. Illi din il-Qorti diġà esprimiet il-fehma tagħha fir-rigward ta' dan l-ilment. Lanqas hawn ma jista' jingħad illi mill-fatti kif esposti mill-Avukat Ġenerali ma jirriżultawx l-elementi tar-reat, billi dak li jilmenta dwaru l-appellant, fir-rigward ta' dan it-Tieni Kap, ma jirreferix għall-elementi tar-reat fih innifsu, iżda għall-aggravanti għall-istess. Illi wkoll b'referenza għat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża huwa indubitat illi bil-fatti kif esposti mill-Avukat Ġenerali f'dan il-Kap jirriżulta r-reat fis-sustanza tiegħu, billi minn tali fatti ġustament l-Avukat Ġenerali silet ir-reat kif maħsub fl-artikolu suċċitat u l-ebda reat ieħor, bl-użu tat-theddid jemerġi, kif diġà ingħad, mix-xiehda tal-minuri stess. Jiġi ribadit, kif affermat diversi drabi fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, illi mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Dan pero jista' jikkostitwixxi prova li dak id-diskors ikun verament intqal lix-xhud li jkun semgħu jingħad minn ħalq il-vittma. Biss ma jikkostitwix prova tal-veradiċita' tal-fatt mistqarr mill-vittma. Dak li jkun semgħa x-xhud minn ħalq il-vittma jista' jakkwista valur probatorju dirett biss fil-każ li l-vittma tixhed dwar hi stess dak il-fatt bil-ġurament tagħha. Iżda mill-banda l-oħra, jekk, bħal ma ġara f'dan il-każ, diversi xhieda jixhdu li jkunu semgħu lil vittma tirrakkontalhom l-istess fatt jew fatt simili ħafna allura dan, għalkemm il-kliem mismugħ u rakkontat mix-xhud xorta waħda jibqa' milqut mir-regola tal-*hearsay evidence* - li dak mismugħ mix-xhud minn ħalq il-vittma jibqa' prova li jkun intqal dak id-diskors lilu u mhux li dak li jkun ingħad lilu jkun jikkostitwixxi prova ta' dak li verament seħħ - mill-banda l-oħra il-kliem mismugħ minn aktar minn xhud wieħed minn ħalq il-vittma jista' jakkwista piż probatorju akbar dwar il-fatt li l-minuri verament tkun qalet dak id-diskors u dan minħabba r-regola tal-korroborazzjoni. Imbagħad jekk minn evidenza oħra, indipendenti minn dak li tkun qalet il-minuri lix-xhud, jirriżulta li verament ikun hemm fatti li jaqblu ma

dak li l-vittma tkun irrakkontat lix-xhud, dan il-fatt per se jista', fil-każijiet kongruwi, jitqies bħala prova indizzjarja li tifforma parti mill-kwadru probatorju sħiħ li jsawwar il-każ, b'mod li jista' anke jkollu, f'ċerti ċirkostanzi, effetti korroborattivi. Jiġi ribadit li jekk il-prova diretta tal-fatt mismugħ mix-xhud jew xhieda ma tinġiebx minn ħalq il-minuri stess, allura l-ġurati jkunu jridu jiġu iggwidati mill-Imħallef togat dwar il-piż li għandha tingħata dik l-evidenza. Ġaladarba allura f'dan l-istadju din it-tip ta' prova ma tistax tiġi eskluża, kwindi lanqas ma jista' jingħad li hemm xi nullita' fl-Att tal-Akkuża meta l-Avukat Ġenerali jagħżel li jibni n-narrattiva tiegħu fuq din l-evidenza.

**29**. Għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

**30**. Illi l-Qorti ser titratta r-raba' u il-ħames aggravji flimkien u dan għaliex dawn l-ilmenti jikkonċernaw l-ammissibbilita' bħala prova tax-xiehda u rapport ta' Dr. Mariella Mangion, l-espert nominat fl-*in genere*.

**31.** Illi minn eżami tal-*Proces Verbal* u tal-atti kumpilatorji jirrizulta illi Dr. Mariella Mangion kienet ġiet maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti fl-istħarriġ li kien qed isir dwar l-*in genere* marbut ma' allegat abbuż sesswali fuq tifla ta' tmin snin. L-imsemmija espert ġiet maħtura bħala "konsulent pedjatriku sabiex bħala espert mediku tagħmel eżami formali fuq il-ġisem tal-minuri Ela Fenech u dan biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm abbuż sesswali u tirrelata bil-miktub dwar ir-riżultanzi tagħha."[8]

---

[8] Ara digriet nomina a fol. 74 tal-proċess

**32**. L-appellant jitlob l-isfilz ta' dak mistqarr mill-espert fix-xiehda tagħha tas-26 ta' April 2016 mogħtija quddiem il-Qorti Istruttorja, fejn din l-espert eżorbitat l-inkarigu lilha mogħti, liema inkarigu, fil-fehma tiegħu, kien limitat għall-eżami mediku fuq il-minuri u allura ma kellhiex is-setgħa tisma' d-depożizzjoni tal-istess minuri fejn din irrakkontatilha dak li kienet għaddiet minnu, u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Illi fil-fehma tal-appellant dan jgħodd ukoll għar-rapport tal-imsemmija espert li ma fihx biss konklużjonijiet dwar l-eżami mediku minnha kondott iżda wkoll konklużjonijiet oħra fejn hija tesprimi l-opinjoni tagħha dwar il-veraċità *o meno* ta' dak allegat mill-minuri.

**33**. Illi l-Qorti Kriminali tikkonkludi hekk fuq dawn l-eċċezzjonijiet:

> **"21. F'din l-eccezzjoni l-akkuzat jilmenta illi wahda mix-xhieda, t-tabiba Dr. Mariella Mangion, esprimiet opinjoni u li din ma kienitx kompetenti tesprimi tali oppinjoni li ghalhekk talab l-isfilz tal-paragrafu relattiv. L-akkuzat qieghed jirreferi ghall-paragrafu 14 tad-deposizzjoni ta' Dr. Mariella Mangion li tinsab a fol 173 sa fol 176 tal-atti processwali. Jibda biex ikun precizat illi Dr. Mariella Mangion xehedet fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2016 u mhux fis-26 t'April, 2016 kif indikat mill-akkuzat. Dan l-izball mhux attribwibbli lill-akkuzat ghaliex dik hija d-data erronjament indikata fuq it-traskrizzjoni kif ukoll, incidentalment, hija erronja d-data indikata fit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tax-xhieda Dr. Joe Cassar a fol 171 sa 172;**
>
> **22. Jidher illi l-ilment tal-akkuzat huwa radikat mill-intendiment illi Dr. Mariella Mangion hija xhud ordinarju u mhux xhud espert. Mill-atti processwali jemergi illi Dr. Mangion kienet ikkonduciet ezami fiziku fuq il-minuri u minn dak li rrizultalha hasset il-htiega li tinforma lill-Pulizija. Gara, izda, wara li kienet ordnata inkjesta fl-in genere, il-Magistrat Inkwirenti nnominat lill-istess tabiba bhala wahda mill-esperti bis-segwenti inkarigu: "bhala espert mediku taghmel ezami formali fuq il-gisem tal-minuri .....u dan biex jigi stabilit jekk kienx hemm xi abbuz sesswali u tirrAta bil-miktub dwar ir-rizultanzi taghha lil din l-Onorabbli Qorti";**

> **23. Issa, fid-deposizzjoni taghha quddiem il-Qorti Istruttorja, Dr. Mangion spjegat ir-raguni ghaliex dehirlha li l-minuri kienet qed tghid il-verita' fid-deskrizzjoni ta' dak li allegatament ssubiet paragunat mal-ezami fiziku li kkonduciet fuq il-persuna taghha. Bhala xhud espert, Dr. Mangion kellha kull dritt tesprimi tali opinjoni u hija fil-mansjoni tal-Imhallef tal-guri, imbaghad, biex jidderigi lill-gurati kif ghandhom iqisu din l-opinjoni, igiifieri bhala limitata ghall-sejbien klinici rizultanti mill-ezami fuq il-persuna tal-minuri u mhux li dik l-opinjoni tittiehdet bhala konkluzzjoni tal-fatti kollha migjuba ghal konsiderazzjoni taghhom daqs li kieku x-xoghol taghhom huwa komplut billi jaghmlu taghhom l-opinjoni tal-espert; ...**
>
> **26. Il-Qorti jidrilha illi l-konsiderazzjoni u konkluzzjoni maghmulha dwar is-sitt eccezzjoni huma ugwalment applikabbli ghal din l-eccezzjoni u ghalhekk tapplika l-istess ghal-din l-eccezzjoni u konsegwentment tirrispingi l-istess;"**

**34.** Illi l-Qorti tqis illi l-involviment tal-espert Dr. Mariella Mangion f'dan il-każ għandu jinqasam f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, meta allura l-espert kienet għadha ma nħatritx bħala espert fl-inkjesta, fejn hija kienet kellmet lil minuri wara li din ġiet riferuta lilha mill-*Genitourinary GU clinic* fl-isptar *Mater Dei* meta nibet is-suspett li l-minuri setgħet ġiet abbużata sesswalment, u allura sar ir-rapport lil pulizija. Illi hawn Dr. Mariella Mangion tassumi il-figura ta' xhud ordinarju li jista' jagħti x-xiehda tiegħu fuq dak kollu li jara u jisma'. Wara dan, u allura fit-tieni stadju, Dr. Mariella Mangion imbagħad ġiet maħtura bħala espert in kwantu li għandha s-sengħa u l-ħila speċjali bħala 'konsulent pedjatriku' sabiex tagħmel eżami mediku fuq il-minuri u tirrelata dwar dak li jirriżultalha.

**35**. Illi l-Qorti tqis illi kien neċessarju għall-espert, bħala parti integrali mill-mansjoni mogħtija lilha u sabiex tkun tista' tespleta l-inkarigu konferit, illi qabel ma teżamina lil minuri fiżikament, hija tkellimha bil-għan li tikseb dik l-informazzjoni meħtieġa sabiex tikkonduċi dak l-eżami mediku u biex tkun tista' tevalwa sewwa sew jekk ikunx seħħ l-abbuż allegat. L-espert qatt ma semgħet lil minuri tixhed bil-ġurament, u dan kif maħsub fl-artikolu 550 tal-Kodiċi

Kriminali, fejn allura dik ix-xiehda tal-minuri tkun tista' titqies bħala evidenza diretta fil-Qorti. Ma jistax jingħad, għalhekk, illi Dr. Mangion eżorbitat l-inkarigu lilha mogħti. Dak li Dr. Mangion semgħet lil minuri tirrakkonta, mingħajr ġurament, għalhekk xorta waħda jibqa' milqut mir-regola tal-*hearsay evidence* kwantu jista' jitqies li kliem li Dr. Mangion semgħet jingħad minn ħalq il-vittma, iżda li ma jikkostitwix prova tal-veradiċita' tiegħu.

**36**. Mhux biss, iżda, fir-rapport tagħha, l-espert telenka r-riżultanzi marbuta ma' eżami kliniku komplut u cioe' kemm dak fiżiku kif ukoll dak mentali, eżami li l-espert ikkonduċiet fil-kapaċità li fiha ġiet maħtura fl-inkjesta, bħala **konsulent pedjatra**, jew aħjar kif indikat fir-rapport tagħha, bħala *Consultant Community Paediatrician*, fejn espert f'din il-qasam tal-mediċina għandu jqis mhux biss l-aspett fiżiku, iżda ukoll dak psikoloġiku u emozzjonali tal-minuri. Illi din is-sengħa u ħila hija hekk definita:

> ***The consultant pediatrician plays an important role within the community. The task includes assessing the child in all parameters, appropriately treating organic disease, and making efforts to understand and manage the emotional difficulties that may be present.***[9]

Biex b'hekk il-branka tal-ħila tal-espert Dr. Mariella Mangion hija aktar wiesgħa minn dak previst mill-akkużat u tinfirex fuq l-aspetti kemm fiżiċi kif ukoll emozzjonali tal-pazjent. Ma jistax jingħad, allura, illi meta hija tkellmet mal-minuri, bil-għan li tasal biex tistabbilixxi dak li kien seħħ, hija kienet qed teżorbita l-inkarigu lilha mogħti. Illi allura:

> **"8. ...... l-Qorti (jew il-maġistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-in genere) li tinnomina espert fi branka ta' ħila jew sengħa speċjali m'għandhiex għalfejn tispeċifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert għandu jagħmel. Infatti l-Qorti tagħti d-direttivi meħtieġa lill-esperti kull meta jkun hemm bżonn ("... whenever it is expedient ..." fit-test Ingliż)(artikolu 650(5), Kap. 9). L-esperti hekk nominati, proprju minħabba l-expertise tagħhom, jibqagħlhom ukoll marġini ta'**

[9] https://pubmed.ncbi.nlm.nih.gov/6736260/

**diskrezzjoni sabiex jagħmlu "ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa tagħhom (artikolu 653(1), Kap. 9)."**

**24. Issa, l-eċċezzjoni ta' inammissibilita` tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Fil-każ odjern in-nomina ta' l-esperti saret mill-Maġistrat Inkwirenti a tenur ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 650 – reż applikabbli għall-in genere mill-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 548 – jipprovdi li: "Il-qorti, <u>kull meta jkun hemm bżonn</u>, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa" (sottolinear ta' din il-Qorti). Naturalment sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi hu desiderabbli li jkun hemm deskrizzjoni ta' l-inkarigu mogħti lill-esperti rispettivi fid-digriet tan-nomina. Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda ekwivoku, peress illi kull wieħed mill-esperti ndika fir-relazzjoni tiegħu l-inkarigu speċifiku li kellu. Barra minn hekk, id-difiża jibqagħlha dejjem id-dritt li tikkontrolla dak li jiġi konstatat mill-esperti prodotti billi jekk hekk jidhrilha timpunja l-kompetenza, l-kredibilita` u l-affidabilita` tal-istess esperti u tal-konklużjonijiet tagħhom."[10]**

**37**. Dan ifisser illi meta l-Maġistrat Inkwirenti ħatret lil Dr. Mariella Mangion fil-kapaċita' tagħha bħala "konsulent pedjatra", hija kienet qed tagħtiha s-setgħa li fl-istħarrig minnha kondott tagħmel dak **ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa** tagħha. Fosthom, bla dubju ta' xejn, huwa meħtieġ li hija tkellem lil vittma li ġiet riferuta lilha biex tkun tista' teżegwixxi sewwasew l-inkarigu tagħha b'mod sħiħ kif aktar il-fuq deskritt. Huwa impensabbli li espert pedjatra tkun tista' twettaq l-inkarigu tagħha mingħajr ma tkellem u tisma' lil vittma. Din is-setgħa intrinseka fil-mansjoni tal-espert pedjatra li tkellem u tisma' lil minuri pero ma tridx tiġi konfuża mas-setgħa li Qorti jew Maġistrat setgħet tikkonferixxi lil espert li tisma' xhieda, inkluż tal-vittma, bil-ġurament – li kieku dik il-Qorti jew Maġistrat setgħet ħasset il-ħtieġa. Din is-setgħa li espert tisma' xhieda bil-ġurament hija alkwantu separata u distinta mill-ħtieġa li l-espert tkellem lil vittma sabiex tkun tista' tottjeni minnha informazzjoni utli biex l-espert tkun tista' tespleta l-inkarigu tagħha b'mod sħiħ u tajjeb.

---

[10] Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech mogħtija fit-28 ta' Frar 2012 – App.Sup

**38**. Fuq kollox il-Qorti ma tistax ma tagħmilx l-istess osservazzjoni magħmula minn din il-Qorti kif diversament komposta:

> **"Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li fil-kors ta' l-istruttorja meta kienu qed jigu kkonfermati jew nominati d-diversi esperti, l-akkuzat -- li kien dejjem legalment assistit -- f'ebda hin ma ghamel l-icken oggezzjoni ghal dawn il-konfermi u nomini. ....... Bhalma fissret ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Harrington (supra), huwa ferm ingust u certament mhux konducenti ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja li meta qorti tkun innominat perit, minn ikollu xi oggezzjoni ghal dik in-nomina, flok ma jgib 'l quddiem dik l-oggezzjoni minnufih sabiex il-qorti tkun tista' tikkunsidrha u, jekk ikun il-kaz tappunta lil xi hadd iehor, ihalli kollox ghaddej, imbghad fi stadju inoltrat, meta possibilment lanqas ikun aktar possibbli jew utili li ssir perizja gdida, jivventila l-oggezzjoni tieghu. Kif tajjeb osservat dik il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Nicholas Ellul, ghalkemm "akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq izda dan is-smiegh xieraq waqt li jipprotegi l-presunta innocenza tal-akkuzat, ghandu wkoll ikun fair mas-socjeta' li tkun giet oltraggata bid-delitt[11]"**

**39**. Illi għalhekk għal motivi kollha hawn fuq miġjuba lanqas dawn l-aħħar żewġ aggravji ma jistħoqqilhom akkoljiment u qed jiġu miċħuda.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Aaron Bugeja**

---

[11] Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo Spiteri App. Sup. Deciza 19/04/2001